

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10850/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0161 (NLE)

ECOFIN 852
UEM 280
FIN 919
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 298 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 298 final.

Mehmuż: COM(2026) 298 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2026
COM(2026) 298 final

2026/0161 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands**

{SWD(2026) 161 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") min-Netherlands fit-8 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023³, tal-5 ta' Novembru 2024⁴, tat-13 ta' Mejju 2025⁵ u tal-20 ta' Jannar 2026⁶.
- (2) Fit-22 ta' Mejju 2026, in-Netherlands għamlu talba motivata lill-Kummissjoni biex jagħmlu proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, in-Netherlands ippreżentaw RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati min-Netherlands minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 12-il miżura.
- (4) In-Netherlands spjegaw li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-piż amministrattiv għoli meħtieġ biex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1.

³ ST 13613/23 INIT; ST 13613/23 REV 1 (en); ST 13613/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 13789/24 INIT; ST 13789/24 ADD 1 REV 1.

⁵ ST 8132/25 INIT; ST 8132/25 ADD 1.

⁶ ST 17030/25 INIT; ST 17030/25 ADD1.

tal-miżura. Dan jikkonċerna C1.1 I1 Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) In-Netherlands spjegaw li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba taħlita ta' dewmien fil-provvista ta' tagħmir, sfidi tekniċi u kwistjonijiet li joriġinaw mill-konġestjoni tal-grilja li ddeterjorat, speċjalment f'postijiet ta' importanza għall-implimentazzjoni tal-miżura. Dan jikkonċerna C1.1 I3 Tranżizzjoni tal-enerġija fil-passaġġi fuq l-ilma interni, il-proġett Servizi b'Emissjonijiet Żero (ZES). Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) In-Netherlands spjegaw li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba dewmien ikkawżat minn preċipitazzjoni eċċezzjonalment qawwija, li tipprevjeni x-xogħlijiet milli jitwettqu. Dan jikkonċerna l-programm C1.2 I1 Natura. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) In-Netherlands spjegaw li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba r-riskju ta' finanzjament doppju bi programm ta' finanzjament ieħor tal-Unjoni Ewropea li jaffettwa l-istess outputs. Dan jikkonċerna C2.2 I2 Mobilità sikura, intelliġenti u sostenibbli. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura titneħħa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) In-Netherlands spjegaw li żewġ miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba kostijiet ta' finanzjament persistentement għoljin, nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni u domanda aktar baxxa milli mistenni. Dan jikkonċerna C3.1 I1 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni u C3.2 I1 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li din il-miżura titneħħa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) In-Netherlands spjegaw li ġew emendati tliet miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna C4.1 R2 Assigurazzjoni tad-diżabilità għall-persuni li jaħdmu għal rashom (imsemmija mill-ġdid Riforma C4.1 R2 Provvediment ta' aktar ċertezza għall-ħaddiema flessibbli u Riforma ġdida addizzjonali C4.1 R5 Tneħħija tar-riżerva tax-xjuħija), C4.1 R3 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet, u C4.1 R4 L-indirizzar tal-impjieġ indipendenti fittizju. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, in-Netherlands talbu li jużaw ir-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżidu l-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri. Dan jikkonċerna C1.1 I6 AanZET, C2.2 I1 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS), u C3.2 I2 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffirankar tal-enerġija. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri (C1.1 I6, C2.2 I1, C3.2 I2).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (11) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwa mira waħda u miżura waħda taħt komponent wieħed. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi dan l-iżball klerikali li ma jirriflettix il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-8 ta' Lulju 2022, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u n-Netherlands. Dan l-iżball klerikali huwa relatat mal-mira 56 ta' C.2.2 I3 Stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS) taħt il-komponent Aċċellerazzjoni tat-Trasformazzjoni Diġitali. Din il-korrezzjoni ma taffettwax l-implimentazzjoni tal-miżura kkonċernata.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 56.2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (14) In-Netherlands talbu tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri u li jużaw ir-riżorsi biex itejbu tliet miżuri, jiġifieri C1.1 I6 AanZET, C2.2 I1 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), u C3.2 I2 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija. Dawn il-bidliet jammontaw għal bidla pożittiva żgħira fil-kontribut tal-RRP emendat għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 28.2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (16) In-Netherlands talbu tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri u li jużaw iż-żieda fir-riżorsi permezz ta' tliet miżuri, jiġifieri C1.1 I6 AanZET, C2.2 I1 Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), u C3.2 I2 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija. Dawn il-bidliet jammontaw għal bidla kemxejn negattiva fil-kontribut tal-RRP emendat għat-tranżizzjoni diġitali. Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali.

Spejjeż

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (18) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta min-Netherlands għall-RRP emendat hija dettaljata u sostanzjata sew. Barra minn hekk, in-Netherlands ippreżentaw dokumenti separati, inklużi deskrizzjonijiet aktar elaborati tal-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet u spjegazzjonijiet ta' kif il-proġetti tal-passat huma relatati mal-istimi tal-kostijiet tal-miżuri emendati bħala dokumentazzjoni, kif ukoll dwar l-addizzjonalità tal-finanzjament tal-UE fejn applikabbli. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u l-informazzjoni ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri emendati huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli, u ma jinkludux kostijiet koperti minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kostijiet totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni. Għalhekk, klassifikazzjoni B hija ġġustifikata għall-RRP emendat.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (19) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa min-Netherlands ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għan-Netherlands rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (j) u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (20) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795, in-Netherlands qiesu bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, in-Netherlands qiesu li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba l-ammont limitat ta' finanzjament għal kull proġett u l-isfidi biex tiġi żgurata l-fattibbiltà fil-perjodu ta' żmien tal-RRF. Għalhekk, in-Netherlands ipprijorizzaw it-tiġib tal-miżuri eżistenti tal-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (21) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (22) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tan-Netherlands huma ta' EUR 5 443 259 340. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla

mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għan-Netherlands, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat tan-Netherlands jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 5 441 423 046. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għan-Netherlands tibqa' l-istess.

- (23) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għan-Netherlands fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).